MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 727/1998/1

**Ultraservices Limited**

**vs**

**Joseph Bezzina & Co Limited u b' digriet tat-3 ta' Frar 1999 is-soċjetà "C Fino & Sons Limited" giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza "in statu et terminis".**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici Ultraservices Limited ippremettiet:-

Illi f'Ottubru 1995, is-soċjetà attrici kienet hadet appalt minghand is-soċjetà konvenuta sabiex is-soċjetà attrici tesegwixxi xogholijiet ta' "finishing" u ta' struttura ta'

aluminium f'bini gdid tas-soċjetà konvenuta fi Triq Aldo Moro, Marsa.

Illi l-istima originali ghal dan ix-xoghol kienet ta' hamsin elf lira Maltin (Lm50,000), izda gradatament waqt illi kienu qed jigu ezegwiti x-xogholijiet li kienu originarjament miftehma, is-soċjetà konvenuta tramite l-Managing Director taghha is-Sur Mario Bezzina, bidet taghmel ordnijiet godda lis-soċjetà attrici sabiex dawn ukoll jigu ezegwiti bhala xogholijiet addizzjonali mal-appalt originali.

Illi effettivament spicca li x-xoghol kollu li gie attwalment ezegwit mis-soċjetà attrici lahhaq is-somma ta' mija u erbghat elef, sitt mija u hames liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (LM 104,605.49), illi minnhom s-soċjetà konvenuta hallset is-somma ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin u erbtax-il centezmu (Lm74,552.14), u ghalhekk is-soċjetà attrici ghad fadlilha bilanc x' tithallas li jammonta ghas-somma ta' tletin elf u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm 30,053.35). Dawn l-ammonti jirrizultaw minn prospett dettaljat li jikkonsisti f'seba' pagni u li gie immarkat bhala Dokument “A1” sa “A7.”

Illi minghajr raguni valida fil-ligi, is-soċjetà konvenuta qieghda tirrifjuta illi thallas dan il-bilanc dovut, u ghalhekk is-soċjetà konvenuta kienet giet interpellata ghal dan il-hlas permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 1997.

Illi s-soċjetà konvenuta baqghet inadempjenti ghal dan il-hlas u ghalhekk is-soċjetà attrici kellha tottjeni kontra taghha l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru nhar is-27 ta' Marzu 1998, liema mandat ghandu n-numru 1033/98.

Ghalhekk l-imsemmija socjeta attrici talbet li jigi dikjarat li s-soċjetà konvenuta Joseph Bezzina & Co. Limited hi debitrici tas-soċjetà attrici fis-somma ta' tletin elf u tlieta u hamsin lira maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm30,053.35) u li l-stess socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas s-somma fuq imsemmija lis-soċjetà attrici bl-imghax legali mis-27 ta' Novembru 1997, data tal-ittra ufficjail fuq imsemmija, bl-ispejjez inkluzi tal-ittra u

mandat gia' imsemmija kontra is-soċjetà konvenuta, li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited fejn gie eccepit:-

Illi in linea preliminari n-nullita' tal-avviz ghas-smiegh ta' kawza li jirreferi ghac-Citaz. Numru 727/98 RCP, fl-ismijiet "Ultraservices Limited –vs- Joseph Bezzina & Company Limited", u dana peress li fil-Qrati Superjuri tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta ma tezisti ebda awla "X" u dana anke kif rifless recentement f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell "Borg Alfrida et -vs- Camilleri Carmen et" (JSP, JAF, AM) (ctazzjoi numru 1752/96), moghtija nhar it-Tnejn, 5 t' Ottubru, 1998, u fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza indikata kienet proprju ddikjarat sentenza nulla u rrevokatha u mbaghad irremettiet mill-gdid l-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, a karigu tar-Registratur, biex din tkun tista' tisma u tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi, u ghalhekk fic-cirkostanzi, is-soċjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited ghandha terga' tigi notifikata bl-avviz ghas-smigh ta' kawza f'awla li attwalment tezisti u hija identifikabbli fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, it-taqsima tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u dana skond l-istess Ligijiet ta' Malta.

Illi in linea preliminari ukoll, in-nullita tac-citazzjoni odjerna peress illi minkejja li hija identifikabbli l-firma tal-Avukat Richard Galea Debono, LL.D, m'hijiex identifikabbli kif tirrikjedi l-ligi, il-firma l-ohra jew tal-Prokuratur Legali, inkella ta' l-atturi biswit il-firma identifikabbli ta' Dr. Richard Galea Debono, LL. D., u dana fl-ebda parti mill-kopja tac-citazzjoni notifikata lis-soċjetà kummercjali konvenuta, inkluz l-original tac-citazzjoni odjerna meta vverifikata mill-istess soċjetà kummercjali konvenuta fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk u a bazi ta' dan ic-citazzjoni,

qed jigi sottomess, hija nulla wkoll skond il-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-ewwel premessa fic-citazzjoni odjerna, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati da parti tas-soċjetà kummercjali konvenuta, l-ewwel premessa hija kkonfermata, biss huma michudin il-fatti kif impostati da parti tas-soċjetà kummercjali attrici fit-tieni premessa billi filwaqt li huwa minnu li l-istima originali ghal dak ix-xoghol kienet ta' hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000), m' huwa minnu xejn li s-soċjetà kummercjali konvenuta ghamlet xi ordnijiet godda lis-soċjetà kummercjali attrici, u dana kif jigi mfisser fil-mori ta' din il-kawza bil-provi li jigu indikati lil dina l-Onorabbli Qorti.

Illi kkontestata ghall-ahhar hija t-tielet premessa da parti tas-socjeta kummercjali attrici, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari, peress illi s-soċjetà kummercjali konvenuta, wara li kienet hallset, tista' tghid, is-somma kollha mill-istima originali ta' hamsin elf lira maltija (Lm50,000), imbaghad is-soċjetà kummercjali attrici direttament u permezz tar-rapprezentant taghha Carmelino sive Lino Vassallo kif ukoll Envic Galea u l-mara tieghu, kienu gharrfu lis-soċjetà kummercjali konvenuta li l-istima taghhom kienet marret mhux skond il-pjanijiet originali, u dana minhabba n-nuqqas ta' efficjenza, arti u sengha da parti tas-soċjetà kummercjali attrici biex tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha mis-soċjetà kummercjali konvenuta, s-soċjetà kummercjali konvenuta qablet li taht l-ebda cirkostanzi hija ma kienet ser thallas iktar mis-somma ta' tmenin elf lira maltija (Lm80,000), ghar-ragunijiet li wkoll jigu mfissra lil din il-Qorti, pero fl-ebda stadju ma sar xi qbil, u dana facilment jista' jigi pprovat, li s-soċjetà kummercjali konvenuta kienet qablet mac-cifra li imbaghad minn tmenin elf lira Maltija (Lm80,000), is-somma miftehma kellha titla' ghall-ammont ta' mija u erbat elef, sitt mija u hames liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm104,605.49,0), u ghalhekk f'dawna c-cirkostanzi t-tielet premessa hija michuda billi effettivament kif ammess mill-istess soċjetà kummercjali attrici, is-soċjetà kummercjali konvenuta hallset is-somma

ta’ kwazi hamsa u sebghin elf lira maltija (Lm75,000), u cioe’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) iktar mill-istima originali, izda zgur ma kienx hemm qbil li imbaghad l-istima originali kif reveduta ghal tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) kellha arbitrarjament u unilateralment tigi awmentata bl-iktar mod abbuziv ghas-somma ta’ mija u erbghat elef, sitt mija u hames liri maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm104,605.49,0) kif indikat mis-soċjetà kummercjali attrici, u ghalhekk is-soċjetà kummercjali konvenuta m’ghandha ebda bilanc xi thallas lis-soċjetà kummercjali attrici, anzi qed izommha responsabbli minhabba inefficjenza ghad-danni sofferti mill-istess soċjetà kummercjali konvenuta, u f’dan il-kuntest is-soċjetà kummercjali konvenuta sejra taghmel il-kontro-talba taghha ma’ din l-istess citazzjoni odjerna.

Illi l-ammonti li jirrizultaw mill-prospett dettaljat li jikkonsisti f’seba’ (7) pagni u li qieghed jigi mmarkat bhala dovument ‘A1’ sa dokument ‘A7’, bl-ebda mod ma huma involuti fir-rigward taghhom is-soċjetà kummercjali konvenuta, kif dina l-qorti tista’ facilment tivverifika, u dana peress illi kwalsijasi relazzjoni kummercjali li seta’ kien hemm bejn is-soċjetà kummercjali attrici u l-persuni indikati fid-dokumenti ‘A1’ sa ‘A7’, kienet relazzjoni li maghha s-soċjetà kummercjali konvenuta ma kellha x’taqsam xejn billi kif ammess mill-istess soċjetà kummercjali attrici, il-ftehim kien esklussivament bejn is-soċjetà kummercjali attrici u s-soċjetà kummercjali konvenuta, u kif is-soċjetà kummercjail attrici esegwiet l-inkarigu moghti lilha kien xi haga totalment fid-diskrezzjoni tal-istess atturi, li allura maghhom m’ghandhom x’jaqsmu xejn il-konvenut fir-rigward tal-kontenut tad-dokumenti ‘A1’ sa ‘A7’, u ghal dan l-iskop ir-referenza u l-inkluzjoni ta’ dawn id-dokumenti huma assolutament irrelevanti, u gew esebiti biss biex jizvijaw lil dina l-Onorabbli Qorti u jagħttu l-inefficjenza, u n-nuqqas ta’ arti u sengha li sussegwentement irrizulta kellhom l-atturi, apparti traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regoli li proprju

jirregolaw l-arti u s-sengha ghall-esegwir ta’ l-inkarigu moghti lis-soċjetà kummercjali attrici.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ir-raba’ premessa attrici ma fiha ebda bazi la legali u lanqas bhala fatt billi s-soċjetà konvenuta m’ ghandha thallas ebda bilanc dovut lis-soċjetà kummercjali attrici anzi minghajr pregudizzju l-istess soċjetà kummercjali konvenuta qieghda taghmel kontro-talba biex jigu likwidati d-danni sofferti mill-istess soċjetà kummercjali konvenuta a bazi tal-abbuzi, in-negligenza, in-nuqqas ta’ arti u sengha, u n-nuqqas ta’ osservanza tar-regoli li jappartjenu lill-arti u s-sengha biex inkarigu kif moghti lill-istess soċjetà kummercjali attrici kellu jigi esegwit.

Minghajr pregudizzju, u preliminarjament ukoll, anke kieku ghall-grazzja ta’ l-argument dak li qed tissottometti s-soċjetà kummercjali attrici huwa minnu, it-talba taghha hija preskritta a bazi tal-ligi, billi kif ammess mill-istess soċjetà kummercjali attrici, il-ftehim kien sar f’Ottubru 1995, u l-ittra ufficcjali allegata imma li ma gietx esebita, kienet intbaghtet fis-27 ta’ Novembru 1997, u ghalhekk iktar minn sentejn wara li ftehim originali kien sar f’Ottubru, 1995.

Illi l-hames premessa tas-soċjetà attrici tindika abbuz iehor esegwit da parti tas-soċjetà kummercjali attrici, li llum minhabba abbuz, negligenza, u inefficjenza qieghda f’diffikultajiet finanzjarji kbar, anke kif ammess minn wiehed mill-istess diretturi taghha Envic Galea u allura biex izzid ma’ l-abbuz, is-soċjetà kummercjali attrici ottjeniet kontra s-soċjetà kummercjali konvenuta l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru nhar is-27 ta’ Marzu 1998, ghal liema hrug abbuziv tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 1033/98, li wkoll l-atturi ma esebewx mac-citazzjoni taghhom, is-soċjetà kummercjali konvenuta qed izzommhom responsabbli ghad-danni u f’dan il-kuntest qieghda wkoll tinkludi mad-danni sofferti l-hrug abbuziv ta’ dan il-Mandat ta’ Sekwestru hawn indikat.

Ghaldaqstant, l-ewwel talba attrici ghandha tigi regettata minn dina l-Onorabbli Qorti billi s-soċjetà kummercjali

konvenuta m’ghandhiex taghti ebda bilanc lis-soċjetà kummercjali attrici u wisq inqas ghandha taghti dina l-holma fittizja ivvintata mis-scojeta’ kummercjali attrici ta’ tletin elf u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm30053.35).

Ghaldaqstant is-soċjetà konvenuta m’ghandha bl-ebda mod tigi kkundannata thallas somma mahluqa fittizjalment imma ghal ragunijiet abbuzivi tas-soċjetà kummercjali attrici u m’hemm ebda imghax legali dovut li ghandu jithallas, biss is-soċjetà kummercjali konvenuta tirreferi f’dan l-istadju ghall-kontro-talba taghha li hija qieghda taghmel kontra s-soċjetà kummercjali attrici ghad-danni sofferti u biex dawna jigu likwidati mill-istess Onorabbli Qorti, u dana minhabba negligenza, traskuragni, abbuz, inefficjenza, u nuqqas ta’ arti u sengha u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti li jirrigwardjaw dana l-arti u s-sengha bil-mod kif is-soċjetà kummercjali attrici pprovat tesegwixxi, billi attwalment ix-xoghol ma esegwitux, l-inkarigu moghti lilha kif indikat fl-ewwel premessa f’Ottubru ta’ l-1995, u kif is-soċjetà kummecjali konvenuta tista’ facilment tipprova.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta fejn gie premess:-

1. Illi nhar il-Hamis, 13 ta’ Novembru, 1997, fid-disgha ta’ filghodu (9.00am), is-soċjetà kummercjali konvenuta kienet baghtet ittra gudizzjarja b’ terminu fatali u minghajr pregudizzju rigwardanti proceduri ghad-danni kkagunati lis-socjeta kummercjali attrici, lil Envic Galea personalment u bhala Direttur ta’ l-istess soċjetà kummercjali attrici u lil Carmelino sive Lino Vassallo personalment kif ukoll in rapprezentanza tas-soċjetà kummercjali attrici, u fejn il-mittenti Jason Bezzina, li ghandu n-numru tal-Karta ta’ l-Idntita’ 218774(M), ghan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà kummercjali konventua f’din il-kawza odjerna, kien ta’ formalment avviz b’ terminu fatali lil Ultraservices Limited kif ukoll lil Envic

Galea personalemtn kif ukoll bhala Direttur ta' l-istess Ultraservices Limited u dana a bazi tad-dettalji illi l-istess Ittra Gudizzjarja tal-Hamis, 13 ta' Novembru, 1997, taghmel referenza ghalihom, skond ma jirrizulta minn kopja ta' l-istess Ittra Gudizzjarja bit-timbru tar-Registru tal-Qorti Superjuri numru 1952 li jgib id-data tat-13 ta' Novembru, 1997, hawn indikatata bhala dokuemnt "Dok JBC1".

2. Illi ssir referenza ghall-Protest Gudizzjarju wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 181/97 datat 14 ta' Jannar, 1997, liema Protest Gudizzjarju kien gie pprezentat nhar l-Erbgha, 8 t'Ottubru 1997, fil-hdax ta' filghodu (11.00am) mill-protestanti socjeta kummercjali Joseph Bezzina & Co Ltd tal-Marsa, Matla, u liema Prtoest Gudizzjarju gie debitament notifikat lill-partijiet kollha nhar id-9 t'Ottubru 1997, u li kopja tieghu tigi wkoll esebita quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

3. Illi ssir referenza ghall-kontenut fl-intier tieghu tal-protest gudizzjarju ta' nhar l-Erbgha 8 t'Ottubru, 1997, li gie debitament notifikat ukoll lis-soċjetà kummercjali attrici, kif facilment jista' jigi ppruvat, ghal liema protest gudizzjarju, is-soċjetà kummercjali attrici ma kienet baghtet ebda twegiba formali jew xi forma ta' reazzjoni informali, u dana jindika kemm il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni odjerna da parti tas-soċjetà kummercjali attrici huma kollha infondati kemm legament kif ukoll bhala stat ta' fatt, imma qeghdin jaghmlu hekk biss minhabba l-krizi finanzjarja enormi li l-Ultraservices Limited tinsab fiha minhabba n-negligenza, l-inkompetenza, l-abbuz, u n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ta' l-arti u s-sengha li fihom taw l-impressjoni li setghu jaghmlu tip ta' xoghol meta effettivament jidher illi dana m' huwiex il-kaz, ormai wara li lahqu kaxkru maghhom numru ta' vittmi bhalma per ezempju hija s-soċjetà kummercjali konvenuta odjerna li minn fuq l-istess soċjetà kummercjali attrici qed tippretendi ammonti ta' flus fittizji u li huma bl-ebda mod ma huma dovuti lill-imsemmija soċjetà kummercjali attrici, anzi l-istess soċjetà kummercjali attrici ghandha taghti lis-soċjetà kummercjali konvenuta danni li issa dina l-Qorti qed tigi mitluba biex tillikwida.

4. Illi s-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited, kif ukoll Envic Galea personalment anke bhala Direttur ta' l-Ultraservices Limited, kienu ntrabtu li jesegwixxu hidma ta' natura kummercjali fl-istabbilimenti godda tas-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited f' Aldo Moro Road gewwa l-Marsa.

5. Illi l-ftehim originali kien li tali hidma industrijali kif kuntrattjata lis-soċjetà kummercjali attrici u lil hadd izjed, din il-hidma kollha tiswa hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u dan il-ftehim privat kien gie ffirmat kemm mis-soċjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited, kif ukoll mis-soċjetà kummercjali attrici Ultraservices Limited, liema kuntratt kien jispecifika li l-ammont kellu jkun ta' hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000), inkluz il-VAT.

6. Illi dana l-kuntratt kien sar nhar id-19 ta' Ottubru, 1995, u llum jigi emfasizzat f'dil-premessa li sakemm intbaghtet l-Ittra Gudizzjarja tal-Hamis, 13 ta' Novembru, 1997, u cioe' sentejn u xahar wara, u anke sal-mument li fih qieghda ssir dina l-kontro talba odjerna, dana x-xoghol ghadu mhux konkjuz, u ghlahekk is-soċjetà Joseph Bezzina & Company Limited sofriet danni kbar peress illi ma setghetx tibda tesegwixxi l-hidma kummercjali taghha fl-istabbilimenti l-godda fit-Triq Aldo Moro gewwa l-Marsa, liema progett sewa hafna flus lis-soċjetà Joseph Bezzina & company Limited u s-soċjetà Ultraservices Limited u anke Envic Galea personalment huma unikament responsabbli ghal dawna d-danni li gew ikkagunati u ghadhom qed jigu kkagunati u qed jibqghu jigu kkagunati lis-soċjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited.

7. Illi certu Carmelino sive Lino Vassallo kien gie inkarigat in rapprezentanza ta' l-Ultraservices Limited biex jesegwixxi x-xoghol kollu fdat lis-soċjetà kummercjali

Ultraservices Limited, u ghalhekk jista' jkun opportun li kemm Envic Galea personalment kif ukoll Carmelino sive Lino Vassallo personalment, jigu kjamati in kawza biex jaghmlu tajjeb ghad-danni li gew sofferti mis-soċjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited, anzi minn issa s-soċjetà kummercjali konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited qieghda taghti avviz illi bi hsiebha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex Envic Galea personalment u Carmelino sive Lino Vassallo personalment li joqghod f' 'four Seasons', App. Nru 2, Triq Mater Boni Consigli, fil-Fgura, u li ghandu n-numru tat-telefon 661608, dawna jigu kjamati fil-kawza minhabba d-danni kbar li gew ikkagunati lill-istess Joseph Bezzina & Company Limited.

8. Illi Carmelino sive Lino Vassallo personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited, kien prezenti fid-diskussjonijiet kollha kif gie mfassal dana l-ftehim tax-xoghol li kellu jitwettaq ghas-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited u effettivament numru ta' pagamenti saru lill-istess Carmelino sive Lino Vassallo ta' "Four Seasons", App. Nru 2, Triq Mater Boni Consigli fil-Fgura (Tel. 661608), mis-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited ghal dana l-ghan, kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

9. Illi Carmelino sive Lino Vassallo personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà kummercjali intimatata Ultraservices Limited, kien tenna diversi drabi li c-cavetta, ix-xoghol li kellu jitwettaq, jigifieri t-turn key project, kollox kompriz u skond l-art u s-sengha, kellu jkun lest sa l-1 t' April, 1996, ghall-ammont ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) il-Vat inkluz.

10. Illi dana ma sarx u wara sena u seba' xhur minn mindu x-xoghol suppost kellu jkun kompletament lest, jigifieri fl-1 t'April 1996, mhux talli ma tlestiex ix-xoghol, talli abbuzivament u kontra l-ftehim, l-Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo personalment, u Envic Galea bdew jitolbu ghal iktar ammonti ta' flus, li s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited

ma kienitx ippreparata illi thallas u hawn terga’ ssir referenza ghall-ftehim originali li kien sar nhar id-19 t’ Ottubru, 1995.

11. Illi ghall-habta ta’ Lulju, 1997, meta kienet ser tispicca s-sistema legali tal-VAT fil-pajjiz, is-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited kienet talbet lil Ultraservices Limited u lil Envic Galea u Carmelino sive Lino Vassallo personalment u in rapprezentanza tas-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited, dokument li permezz tieghu s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited kienet taghlaq il-kotba taghha fuq is-sistema tal-VAT (Value Added Tax) u ghalhekk Joseph Bezzina & Company Limited, f’Lulju ta’ l-1997, talab formalment lil Ultraservices Limited, lil Carmelino sive Lino Vassallo, li kien jaghmilha ta’ kollox, u lil Envic Galea l-konferma ta’ l-ammont originali ta’ hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000).

12. Illi minkejja l-fatt li l-Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea personalment u nomine kienu ddikjaraw li l-progett fdat f’idejhom ma kellux jigi jiswa iktar minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000), l-imsemmija persuni gharrfu lil Joseph Bezzina & Company Limited li l-ammont kien sejjer jitla’ ghal tmenin elf lira Maltija (Lm 80,000) u minhabba l-fatt li Joseph Bezzina & Company Limited kienu ga lahqu hallsu tista’ tghid l-ammont kollu tal-hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u kellhom pressjoni enormi biex jifthu l-istabbilimenti taghhom il-godda f’Aldo Moro Road gewwa l-Marsa billi dewmin kien ser ifisser danni konsiderevoli, accettaw minghajr pregudizzju dana l-ammont mizjud minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) ghal tletin elf lira Maltija (Lm 30,000) ohra li b’ kollox gab l-ammont ta’ tmenin elf lira Maltija (Lm 80,000) u dana biex il-progett jibqa’ ghaddej u ma jieqafx, billi Joseph Bezzina & Company Limited kienet diga qieghda ssofri danni kosiderevoli minhabba d-dewmien da parti ta’ l-Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea, stante li l-progett kellu jitlesta sa l-1 t’April, 1996, imma f’Lulju tal-1997 dana ma kienx ghadu sar.

13. Illi Joseph Bezzina & Company Limited baqghu jhallsu pagamenti a kont u dawna l-pagamenti huma rregistrati fl-ordni kronologiku illi saru, u jistghu facilment jintwerew lil dina l-Qorti permezz tac-cekkijiet illi thallsu u li gew imsarrfa mill-Ultraservices Limited tramite Carmelino sive Lino Vassallo jew Envic Galea kif facilment jista' jigi ppruvat.

14. Illi Joseph Bezzina & Company Limited globalment hallsu s-somma ta' hamsa u sebghin elf u hames mitt lira Maltija (Lm75,500) u cioe' kwazi tmenin elf lira Maltija (Lm 80,000) neqsin erbat elef u hames mitt lira maltin (Lm4500), u dana biex is-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited ikollha debitu zghir fir-rigward biss ta' l-Ultraservices Limited halli dawna x-xoghol ilestuh, haga li l-Uitraservices Limited effettivament qatt m'ghamlu. Illi hemm diversi ricevuti li jikkonfermaw li dina c-cifra effettivament thallset minn Joseph Bezzina & Company Limited u li giet imsarrfa mill-Ultraservices Limited permezz ta' Carmelino sive Lino Vassallo jew Envic Galea: fatti li jistghu facilment jigu ppruvati.

15. Illi minkejja l-inefficjenza, in-negligenza u t-traskuragni taghhom, l-Ultraservices Limited kellhom il-wicc tost li sussegwentement jipprezentaw lil Joseph Bezzina & Company Limited b' ammont awmentat ghac-cifra ta' mija u erbat elef, disa' mija u tnax-il lira maltija (Lm104,912) li allura f'dawn ic-cirkostanzi s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited definittivament iddikjaratilhom li ma kienitx bi hsiebha taccetta, billi Ultraservices Limited u Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea hawnhekk urew bl-iktar mod determinanti li huma ma kienux serji fit-transazzjoni kummercjali taghhom u fl-impenn taghhom li jonoraw hidma li tkun giet fdat f'idejhom, skond ammont li jkun sar qbil dwaru minn qabel, kif kien f'dan il-kaz.

16. Illi allura Joseph Bezzina & Company Limited gharrfu formalment lil Ultraservices Limited, lil Carmelino sive Lino Vassallo u lil Envic Galea illi huma ma kienux sejrin jithallsu ammonti iktar ta' flus, u li l-erbat elef u hames mitt lira maltija (Lm4,500) li kien ghad fadal x'jithallsu bhala

bilanc fuq l-ammont minghajr pregudizzju ta’ tmenin elf lira maltija (Lm 80,000), kienu jithallsu biss meta x-xoghol kien ikun definittivament komplut, imma li ma kienitx se tithallas millezmu (1 millezmu) iktar minn dak l-ammont fic-cirkostanzi.

17. Illi Joseph Bezzina & Company Limited ma kellha bl-ebda mod x’taqsam ma’ terzi persuni bhala sub kuntratturi mqabbda mill-Ultraservices Limited u Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea biex jaghmlu x-xoghol li Joseph Bezzina & Company Limited kienet ikkontrattat u kellha x’taqsam biss biex taghmlu ma’ l-Ultraservices Limited.

18. Illi biex jaghmlu tajjeb ghall-abbuzi, in-negligenza, it-traskuragni u l-inefficjenza taghhom, l-Ultraservices Limited bdew jaqblu u artbitrarjament u abbuzivament jawmentaw ic-cifri taghhom minn zmien ghal zmien ghal zmien ghaliex hasbu li b’hekk setghu jirrikattaw lis-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited kienet hallset lill-Ultraservices Limited ammont ta’ hamsa u sebghin elf u hames mitt lira Maltija (Lm75,500), izda Joseph Bezzina & Company Limited ma kienitx lesta li tibqa’ tigi b’ebda mod irrikattata kummercjalment mill-Uitraservices Limited biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet, in-negligenza, l-abbuz, l-inefficjenza u t-traskuragni da parti ta’ l-Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea, fatti li facilment jistghu jigu ppruvati lil dina l-Onorabbli Qorti, u li a bazi ta’ dan issa qieghda ssir il-Kontro Talba odjerna.

19. Illi s-sitwazzjoni tant kienet saret intollerabbli u tant kienu qed isofru danni s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited li l-istabbilimenti l-godda taghhom fit-Triq Aldo Moro gewwa l-Marsa ma setghux jinbdew intuzaw minhabba l-inefficjenza ta’ l-Ultraservices Limited li kellha tlesti x-xoghol sa l-1 t’ April 1996, wara li kien sar ftehim maghha nhar id-19 t’ Ottubru 1995, ghal hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) biss, li proprju fl-ahhar,

nhar il-Hamis, 13 ta' Novembru 1997, intbaghtet l-Ittra Gudizzjarja li hawn qieghda tigi esebita bid-dettalji kollha fiha bhala dokument "Dok JBC1" biex isservi bhala twissija formali u ahharija li jekk is-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited ma kienitx se tesegwixxi u ttemm, skond l-arti u s-sengha, ghas-sodisfazzjoni ta' Joseph Bezzina & Company Limited, l-impenn ta' hidma li kien fadlilha taghmel skond il-ftehim u a bazi ta' l-ammont kif awmentat ta' tmenin elf lira Maltija (Lm 80,000), jekk din il-hidma ma kienitx se ssehh sa nhar il-Hadd, 30 ta' Novembru, 1997, Joseph Bezzina & Company Limited ma kienitx ser thossha aktar marbuta ma' l-Ultraservices Limited li thallashom millezmu izjed mill-bilanc tal-pagament li kein ghadu dovut u cioe' ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500) biss a bazi tac-cifra awmentata karpriccozament da parti ta' l-Ultraservices Limited minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) ghal tmenin elf lira maltija (Lm80,000), liema Ittra Gudizzjarja giet debitament notifikata lill-Uitraservices Limited, lil Carmelino sive Lino Vassallo, u lil Envic Galea u nonostante dan, dawna xorta baqghu m'ghamlu xejn dwarha, u b' hekk ikkagunaw danni sostanzjali lis-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited, ghal liema danni l-imsemmija Joseph Bezzina & Company Limited issa qieghda titlob kumpens lil dina l-Qorti biex tillikwida lill-istess danni.

20. Illi Joseph Bezzina & Company Limited zamm lil Ultraservices Limited, lil Carmelino sive Lino Vassallo u lil Envic Galea responsabbli ghad-danni li Joseph Bezzina & Company Limited kien sofra, qieghed isofri u ghadu jigi jsofri kagun tal-fatti kif qed jirrizultaw minn dawn il-premessi f'din il-kontro talba odjerna u fejn Ultraservices Limited giet mgharrfa deliberatament li b' effett mit-Tnejn, 1 ta' Dicembru, 1997, kienu ser jigu mqabbda terzi persuni biex itemmu x-xoghol skond l-arti u s-sengha li suppost kellhom itemmu Ultraservices Limited u li ta' dawn l-ispejjez zejda u kwalsijasi forma ta' spejjez ohra li qieghdin isiru, inluz dawk tal-proceduri legali, Ultraservices Limtied kienu qeghdin jinzammu pjenament responsabbli.

21. Illi, mela, kwazi tletin elf lira Maltija (Lm 30,000) keinu thallsu minn Joseph Bezzina & Company Limited iktar mill-ftehim originali tad-19 t'Ottubru 1995, lill Ultraservices Limited biex dina ttem xoghol li hija kienet wieghdet li tlestih sa l-1 t' April 1996, imma li iktar mill-ammont ta' tmenin elf lira Maltija (LM 80,000) Joseph Bezzina & Company Limited ma kienx dispost illi jhallas, u effettivament stante li l-Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea ma temmewx dana x-xoghol, issa jigi li Joseph Bezzina & Company Limited mhux talli m' gahndhiex taghti ebda bilanc lill-Ultraservices Limited, imma Ultraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea, ghandhom jikkumpensaw lil Joseph Bezzina & Company Limited ghall-ispejjez u ghad-danni kollha sofferti mill-istess Joseph Bezzina & Company Limited li ddahhlu fiha inutilment ghar-ragunijiet u a bazi tal-fatti kif hawn indikati f'dawn il-premessi ta' dina l-Kontro Talba u fid-Dikjarazzjoni Guramentata man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Jason Bezzina ghan-nom ta' Joseph Bezzina & Company Limited.

22. Illi, ghalhekk, Joseph Bezzina & Company Limited effettivament mill-1 ta' Dicedmbru 1997, u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, ma kien ghad baqalha ebda ftehim jew obbligi ohra pendenti fir-rigward ta' l-Ultraservices Limited u kient kostretta biex tqabbad terzi persuni sabiex jesegwixxu x-xoghol illi suppsot kellhom itemmu l-Ultraservices Limited u ghall-ispejjez addizzjonali li Joseph Bezzina & Company Limited kien kostrett li jaghmel dawna gew mizmuma responsabbli l-Uitraservices Limited, Carmelino sive Lino Vassallo u Envic Galea personalment u nomine.

23. Illi anke kif jirrizulta minn paragrafu 20, f' pagna 10 ta' l-Ittra Gudizzjarja tat-13 ta' Novembru 1997, (Dokument 'Dok JBC1' fl-Elenku tad-Dokumenti ma' dina l-Konto Talba odjerna), Joseph Bezzina & Company Limited kien stieden lill-Ultraservices Ltd, lil Carmelino sive Lino Vassallo u lil Envic Galea illi jekk huma kellhom xi haga xi jghidu a bazi ta' l-Ittra Gudizzjarja hawn indikata, dawna kellhom jaghmluh permezz ta' ittra gudizzjarja ohra sa jum

il-Hadd, 30 ta' Novembru 1997, billi fin-nuqqas Joseph Bezzina & Company Limited kienet tifhem lil l-Ultraservices Limited ga la darba mwissijin, jkunu jikkonkordaw mad-decizjonijeit mehduin minn Joseph Bezzina & Company Limited.

24. Dana kollu, wara li l-istess Ultraservices Limited kienet giet debitament notifikata kif ukoll Envic Galea u Carmelino sive Lino Vassallo, u dawna xorta wahda baqghu inadempjenti, Joseph Bezzina & Company Limited ma kellu ebda triq ohra ghajr illi jqabbad terzi persuni biex jesegwixxu x-xoghol li suppost kellha taghmel l-Ultraservices Limited u dana minhabba n-negligenza, it-traskuragni u n-nuqqas ta' hila fl-esegwiment tal-hidma li suppost kellha taghmel l-Ultraservices Limited, imma li dan ikkaguna danni konsiderevoli lil Joseph Bezzina & Company Limited.

25. dan kollu, Joseph Bezzina & Company Limited kienet kostretta li taghmel dina l-kontro talba odjerna, wara li jigi nnotat illi c-citazzjoni kienet giet intavolata biss fis-7 t' April 1998, da parti ta' l-Ultraservices Limited, li turi l-livell tat-traskuragni, neglogienza, u inefficjenza da parti ta' l-istess Ultraservices Limited, u ghalhekk illum Joseph Bezzina & Company Limited ma baqalhom ebda triq ohra ghajr illi jfittxu ghad-danni lil Ultraservices Limited u jekk ikun hemm bzonn lil Carmelino sive Lino Vassallo u lil Envic Galea.

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta,fil-kontro-talba taghha, qed titlob li jigu likwidati d-danni kollha sofferti minnha u li jigi deciz li:-

a. is-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited kellha tesegwixxi xoghol ta' appalt fl-istabbiliment ta' Joseph Bezzina & Company Limited fit-Triq Aldo Moro gewwa l-Marsa u dana sa l-1 t'April 1996.

b. is-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited ma esegwietx xoghol li kellha taghmel ghas-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited sa l-1 t' April, 1996, imma talbet, minghajr gustifikazzjoni, awment

mill-ftehim originali ta’ hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) ghal tmenin elf lira maltija (Lm 80,000), differenza ta’ tletin elf lira Maltija (Lm 30,000), li minghajr pregudizzju s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited accettat illi thallas biex ma tmurx lura fil-progettar taghha li tiftah u tutilizza l-fond il-gdid taghha fit-Triq Aldo Moro gewwa l-Marsa.

c. nonostante l-awment minghajr pregudizzju mill-ftehim originali ghal tletin elf lira Maltija (Lm 30,000) ohra, is-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited xorta wahda naqset li tesegwixxi x-xoghol kollu lilha ordnat minn Joseph Bezzina & Company Limited, u b’hekk ikkagunat danni lil Joseph Bezzina & Company Limited, ghal liema danni Ultraservices Limited iridu jikkompensaw lill-istess Joseph Bezzina & Company Limited.

d. ix-xoghol li kien lahaq tlesta minn Ultraservices Limited ma kienx skond l-arti u s-sengha u minhabba traskuragni, nuqqas ta’ pjannar tajjeb, negligenza u innosservanza tar-regolamenti ta’ l-arti u s-sengha li kellhom jigu utilizzati biex isir ix-xoghol ordnat lil Ultraservices Limited, is-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited sofriet danni ghad-detriment taghha stess u ta’ dan Ultraservices Limited ghandhom jikkumpensaw a bazi tad-danni illi jirrizultaw.

e. terzi persuni li nghataw ix-xoghol minn Joseph Bezzina & Company Limited biex ix-xoghol li kellu jsir min Ultraservices Limited jigi in effett esegwit minn dawn it-terzi persuni minn Joseph Bezzina & Company Limited ghandhom jigu likwidati u Ultraservices Limited tigi ordnata biex thallas dawn is-sommom hekk likwidati li thallsu lil terzi persuni u dana a bazi ta’ l-ittra Gudizzjarja ta’ nhar il-Hamis, 13 ta’ Novembru, 1997, li kopja taghha tinsab mehmuza ma’ l-Elenku tad-Dokumenti bhala dokument ‘Dok JBC 1.

f. kwalsijasi forma ta’ danni direttament u/jew indirettament konnessi man-nuqqas ta’ Ultraservices Limited li tesegwixxi x-xoghol lilha ordnat fil-hin u ghal dak li ghamlet u lahqet wettqet ma kienx skond l-arti u s-

sengha minhabba negligenza, inefficjenza, traskuragni u nuqqas ta' hila, ta' dawn id-danni Ultraservices Limited ghandha tikkompensa lil Joseph Bezzina & Company Limited a bazi ta' somma li tigi hekk likwidata skond il-provi li jirrizultaw.

g. il-mandat ta' Sekwestru mitlub u ottjenut minn Ultraservices Limited kontra Joseph Bezzina & Company Limited fuq ammont ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) u oltre, intalab, u gie ottjenut b'mod abbuziv u ta' dana l-abbuz meta Ultraservices Limited kienet taf ben tajjeb li ma kellkha tiehu ebda ammonti bhala bilanc minghand Joseph Bezzina & Company Limited, anzi kellha taghti, Joseph Bezzina & Company Limited ghandhom jigu kkumpensati u Ultraservices Limited ippenalizzati oltre tal-mod abbuziv kif huma illegalment utilizzaw mandati li huma legalment intizi biex jaraw li l-gustizzja ssir u tidher li qieghda ssir u mhux biex l-amministrazzjoni tal-gustizzja tigi abbuzata kif abbuzaw minnha Ultraservices Limited, u dana b'referenza ghall-Mandat ta' Sekwestru indikat mill-istess Ultraservices Limited f'din ic-citazzjoni odjerna.

h. kwalsijasi forma ta' danni ohra li jistghu b'xi mod jirrizultaw kagun ta' l-inefficjenza, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ta' l-arti u tas-sengha fix-xoghol li gie ordnat minn Joseph Bezzina & Company Limited biex isir minn Ultraservices Limited, dawna d-danni ghandhom ukoll jigu likwidati a bazi tal-provi li jirrizultaw u Ultraservices Limited tigi ordnata li tikkumpensahom f'forma ta' danni likwidati lil Joseph Bezzina & Company Limited.

i. tali danni hekk kif likwidati a favur ta' Joseph Bezzina & Company Limited, ghandu jingahta terminu fiss li fih Ultraservices Limited ghandha thallsu, bl-imghaxijiet effettivi minn nhar il-Hamis, 13 ta' Novembru, 1997, a bazi tal-ittra gudizzjarja mibghuta lil Ultraservices Limited u ohrajn, u debitament notifikata lill-istess Ultraservices Limited, Envic Galea personalment u bhala Direttur ta' l-Ultraservices Limited u Carmelino sive Lino Vassallo personalment kif ukoll bhala rapprezentant tas-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz dawk ta’ kwalsijasi att legali iehor direttament jew indirettament konness ma’ dawn il-proceduri odjerni, li s-soċjetà kummercjali Joseph Bezzina & Company Limited kienet kostretta li taghmel minhabba n-nuqqasijiet lampanti tas-soċjetà kummercjali Ultraservices Limited kif ukoll Envic Galea u Carmelino sive Lino Vassallo personalment u in rapprezentanza ta’ l-istess Ultraservices Limited. Bl-imghaxijiet legali effettivi minn nhar il-Hamis, 13 ta’ Novembru, 1997, kontra l-istess Ultraservices Limited u r-rapprezentanti legali taghha li gew ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta fejn gie ecepit:-

1. Illi mhux minnu li hi naqset li tesegwixxi ix-xoghol kollu pattwit.

2. Illi x-xoghol minnha maghmul huwa tal-kwalita’ pattwita.

3. Illi ma kien hemm ebda lok li jitqabbdu terzi persuni sabiex jitlestghu x-xogholijiet kuntrattati mas-soċjetà eccipjenti.

4. Illi s-socjeta’ eccipjenti ma ikkawzat l-ebda danni bhala rizultat tal-operat taghha.

5. Illi l-Mandat ta’ Sekwestru in kwistjoni gie ottenut regolarment u skond il-ligi, u s-soċjetà rikonvenzjonanti setghet uzat il-proceduri provvduti mill-ligi li kieku deherilha li l-mandat kien abuziv.

Ikkonsidrat:-

Hawnhekk si tratta ta’ kuntratt ta’ appalt moghti mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici dwar xogholijiet ta’ finitura li kellhom isiru fil-bini l-gdid tas-socjeta’ konvenuta, liema bini kien jikkonsisti f’showroom u ufficini, gewwa Aldo Moro Street, Marsa. Is-socjeta’ attrici tippretendi li

ghad ghandha tiehu bilanc ta' tletin elf u tlieta u hamsin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm30053.35) fir-rigward tal-imsemmi appalt. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta tikkontendi li m'ghhandha taghti xejn lis-socjeta' attrici peress li hallset dak kollu li kien dovut u inoltre tikkontendi li sofriet danni li ghalihom hi responsabbli s-socjeta' konvenuta stante li s-socjeta attrici naqset li tesegwixxi xi xogholijiet kollha kif kienu gew mifthemin u stante d-dewmien da parti tas-socjeta' attrici biex tlesti x-xogholijiet. F'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta ppresentat kontro-talba.

**Fatti**

Jirrizulta li originarjament il-ftehim kien li x-xogħolijiet in kwestjoni kienu ser jiswew is-somma totali ta' Lm50,000 (stima relattiva a fol.127 immarkata dokument AX1). Sussegwentement is-socjeta' attrici talbet li l-imsemmi ammont jigi rivedut u effettivament il-partijiet ftehemu li l-imsemmi ammont kellu jitbiddel u minnflok ix-xogholijiet kellhom isiru bil-prezz ta' Lm80000. Mario Bezzina, direttur tas-socjeta konvenuta, kkonferma li din ir-revizjoni giet accettata "kontra qalbu" u, in effett, huwa jghid li fl-istess hin li sar il-ftehim il-gdid huwa ddikjara li ma kienx behsiebu jħallas lanqas centezmu aktar mill-imsemmija somma ta' Lm80000. In effett jirrizulta li finalment il-kont kollu tela ghal aktar minn Lm104000. Inoltre s-socjeta' konvenuta ssostni li meta sar dan l-ahhar imsemmi ftehim kienet saret wegħda verbali da parti tas-socjeta' attrici li dan ix-xogħol kellu jsir fiż-żmien sitt xhur u ċioe' kellu jitlesta mhux aktar tard mill-1 ta' April 1996.

Is-socjeta' attrici tallega li fil-kors tal-eskuzzjoni tal-appalt in kwesjoni kienet qed tigi inkarigata tagħmel xogħol "extra" cioe' xoghol li ma kienx kontemplat fil-ftehim oriġinali. Skond is-socjeta' attrici kien dan il-fatt li wassal biex isir revizjoni tas-somma miftiehma. Inoltre s-soċjetà attriċi tikkontendi li anke wara li sar il-ftehim dwar is-

somma ta’ Lm80000 is-socjeta’ konvenuta kompliet taghmel ordnijiet “extra.”

Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi li s-socjeta’ attrici naqset li tesegwixxi xi xogholijiet kollha li kellhom isiru u konsegwentement dawn l-istess xogholijiet kellhom isiru minn terzi a spejjez tas-socjeta’ konvenuta. In effett dawn ix-xogħolijiet huma elenkati fid-dokument ‘XAX’ (fol.150). Inoltre s-socjeta’ konvenuta ssostni li ghax-xogholijiet “extra” hi kienet thallas lis-socjeta’ attrici separatament jew kienet thallas direttament lill-kuntratturi u dan dejjem bil-kunsens tas-socjeta’ attrici. Inoltre, skond is-socjeta’ konvenuta, s-socjeta’ attrici kellha tiehu hsieb kollox hi ghal dak li kien jirrigwarda il-kuntratt ta’ appalt in kwestjoni.

**Konsiderazzjoni legali dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.**

Fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta teċepixxi preliminarjament illi l-avviz tal-appuntament tal-kawza li gie lilha notifikat hu null peress li l-istes avviz kien jindika li s-socjeta’ konvenuta kellha tidher fl-Awla “X” li effettivament ma tesistix fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta. F’dan ir-rigward is-socjeta’ konvenuta rreferiet ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet “Borg Alfrida et vs Camilleri Carmen et” deciza fil-5 ta’ Ottubru, 1998. Skond is-socjeta’ konvenuta hi ghandha terga’ tigi notifikata bl-avviz ghas-smigh ta’ kawza u tigi indikata lilha awla li fil-fatt tezisti u li hi identifikabbli. Jirrizulta li in effett l-avviż relattiv (fol.14 a tergo) kien jindika li s-soċjetà konvenuta kellha tidher fl’ “Awla X” pero’ hemm ukoll indikat, fl-istess avviz, l-isem tal-gudikant partikolari quddiem min is-socjeta’ konvenuta kellha tidher.

Fil-presenti kawża, ghal kuntrarju tal-imsemmija kawza l-ohra li għaliha ghamlet referenza s-soċjetà konvenuta, m’hemmx talba biex il-Qorti tipprocedi bil-procedura specjali u cioe’ bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza. In

effett l-imsemmija kawza l-ohra tmexxiet quddiem l-Ewwel Qorti appuntu bid-dispensa tas-smigħ skond l-artiklu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 u dan jidher li kien il-fattur principali li wassal sabiex il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li ma kienx hemm smigħ xieraq stante li n-notifika tac-citazzjoni saret irregolarment. Fil-kaz in esami ma jistax jinghad li s-socjeta' konvenuta ma ngħatatx smigħ xieraq minhabba l-imsemmija irregolarita' tan-notifika fl-avviz tas-smigh tal-kawza. Din il-kawza tmexxiet bil-mod normali kif preskritt mill-ligi u ma gietx kondotta bil-procedura spedita u abbrevjata cioe' bid-dipensa tas-smigh tal-kawza. Inoltre in vista tal-fatt li kien hemm indikat l-isem tal-gudikant li quddiemu kellhom isiru l-proceduri relattivi l-awla kienet ben identifikabbli. F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jirrizultax li hemm bżonn li s-socjeta' konvenuta tigi notifikata mill-ġdid u kwindi din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll preliminarjament li c-citazzjoni hi nulla stante li mhux identifikabbli l-firma tal-Prokuratur Legali jew tal-atturi li hemm biswit il-firma tal-avukat. F'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta naqset li tindika liema hu l-artikolu tal-ligi li fuqu qed tibbaza din is-sottomissjoni taghha. L-artikolu 178 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) jipprovdi li l-iskritturi li jigu presentati fir-Registru tal-Qorti ghandhom ikunu iffirmati mill-avukat u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali. Jidher ghalhekk li l-firma tal-avukat biss hi essenzjali u l-prokuratur legali jiffirma biss "meta jkun hemm." Inoltre fuq ic-citazzjoni hemm indikat l-isem tal-Prokuratur Legali li ppresentat ic-citazzjoni fir-Registru u ffirmat ukoll ic-citazzjoi u l-atti l-ohra kollha relettati. Inoltre skond l-artikolu 180 tal-istess Kapitolu 12 Prokuratur Legali jista jippresenta skritturi fir-Registru. Fid-dawl tal-premess ma jirrizulta xejn irregolari fil-firem fuq ic-citazzjoni in kwestjoni u kwindi anke din l-eccezzjoni preliminari timmerita li tigi rigettata.

Is-socjeta’ konvenuta eccepit ukoll li l-fatti kif impostati mis-socjeta’ attrici huma skorretti u dan peress li, skond is-socjeta’ konvenuta, mhux minnu li hi ghamlet ordnijiet ta’ xoghol gdid jew “extra.” Mill-provi jirrizulta li, effettivament, is-soċjetà konvenuta ghamlet ordnijiet addizzjonali lis-soċjetà attriċi bhal l-għamara u l-bidla fl-istruttura tal-faċċata biex jiġi inkluż il-granit. In effett Mario Bezzina ghas-socjeta’ konvenuta (fol.346) xehed illi sar xi xogħol extra pero s-socjeta’ attrici qatt ma informat lis-socjeta’ konvenuta b’kemm kien ser jiswa x-xogħol extra. L-istess xhud Mario Bezzina fil-kontro-esami qal li in effett kienet giet kkonsenjata għamara ta’ Fino li tqiegħdet fil-General Manager’s Office, fl-Accountant’s Office, fir-Reception Area u fis-Supervisor’s Area. L-istess xhud ikkonferma (fol.287) li hu kien ordna din l-għamara minn fuq katalogu li kien urieh rappresentant tas-socjeta’ attrici. Fir-rigward tal-istruttura tal-faċċata, l-istess Mario Bezzina xehed illi din inbidlet (fol.354/5) sabiex tinkludu l-granit. Sostanzjalment, kwindi, ir-rappresentant tas-socjeta’ konvenuta kkonferma li kienet żdiedet l-ordni u li ghalhekk fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt kienu saru ordnijiet godda. F’dawn ic-cirkostanzi gie ghalhekk ippruvat b’mod sufficjenti li s-soċjetà attriċi ingħatat inkarigu ghar-rigward ta’ xogħol zejjed.

Is-socjeta’ konvenuta tattribwixxi l-fatt li x-xoghol ma marx kif kien ippjanat, b’mod partikolari ghal kemm kellu jiswa l-istess xoghol, ghan-nuqqas ta’ efficjenza, ta’ arti u ta’ sengha da parti tas-soċjetà attrici. Is-socjeta konvenuta ssostni li kien halhekk li ddikjarat li ma kienetx behsiehba thallas aktar minn Lm80000. Jigi ribadit li jirrizulta li s-socjeta konvenuta qablet mal-imsemmija cifra ta’ Lm80000. Jirrizulta li l-kont finali tela’ ghas-somma mija u erbat elef, sitt mija u hames liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm104,605.49,0). Skond is-socjeta’ konvenuta hi hallset dak kollu li kien dovut minha skond il-ftehim kif rivedut u konsegwentement m’ghandha x’thallas ebda bilanc lis-soċjetà attrici.

Skond l-imsemmi Mario Bezzina, peress li kien jinsisti mas-soċjetà attriċi sabiex il-prezz tax-xogħol ma jaqbiżx iċ-ċifra ta’ Lm80000 huwa ma tax kaz lill-korrispondenza li kien jircievi minnghand is-socjeta’ attrici. Jirrizulta sufficjentement li s-socjeta’ konvenuta kompliet taghmel ordnijiet addizjonali. Il-Qorti tal-Appell fid-decizoni tagha fil-kawza fl-ismijiet “Craig nomine vs Debono nomine” fid-29 ta’ April, 1996 sostniet li “wiehed ghandu, meta jara x-xoghol jizdied u l-ispiza toghla, jikkontrolla dak li qed isir; japplika f’dak il-kaz id-detto taljan “patti chiari, amicizia lunga.” Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkariku li hu jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minn ghandu.” Kwindi s-socjeta’ konvenuta meta rat li x-xoghol kien qieghed jizdied kellha tikkonsulta mas-socjeta’ attrici.

Ix-xogħolijiet in kwestjoni ghandhom jigu kkonsidrati bhala “extra works” li ghalhekk mhumiex inklużi fl-istima oriġinali. Skond deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna pretensjonijiet ta’ hlas ghar-rigward ta’ dan it-tip ta’ xogholijiet “extra” ghandhom ikunu kkonsidrati favorevolment (vide Prim Awla - 5 ta’ Novembru 2001 – “Dr Louise Sant Fournier nomine vs Jawad Shaikh et” u Prim’Awla - 6 ta’ Ottubru 2005 - “Vella Borg Alfred vs Accountant General et.) F’din l-ahhar imsemmija sentenza intqal li “l-liġi tagħna, Art.1639 tal-Kap 16, timxi mar-regola li l-bidla jew zieda fix-xogħol miftiehem f’appalt ta’ bini jew ta’ “xogħol ieħor kbir” ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal zieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew zieda ma jkunux gravuzi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni bejn meta x-xogħol ġdid jew zejjed ikun inħoloq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuz għall-appaltatur.” Fis-sentenza fl-ismijiet “Topserv Limited vs Edwin Vella nomine” Appell Civili gie ritenut li “a contrariu sensu jfisser, dejjem attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta’ entita’ kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista’ u ghandu dritt jitlob zieda fil-prezz. Din hi disposizzjoni eccezzjonali u taghmel

sens tenut rigward tat-telf kbir li jista’ jigi subit f’dawn il-kazijiet ta’ xoghol kbir.”

Kwindi nonostante li s-socjeta’ konvenuta ssostni li hi ma kellix thallas xejn oltre s-somma pattwiota ta’ Lm 80,000, fi kwalunkwe kaz skond l-imsemmija principji kif enunċjati mill-liġi u mill-Qrati tagħna, peress li jirrizulta li x-xoghol addizzjonali in kwestjoni huwa gravuż ghas-socjeta’ attricui u jista jigi kkonsidrat bhala preġudizzjevoli għas-socjeta attrici u l-istess xogholijiet jirrizulta li huma ukol ta’ entità kbira, l-appaltatur, cioe’ l-istess socjeta’ attrici għandha l-jedd li titlob zieda fil-hlas minghand is-socjeta’ konvenuta minhabba xogholijiet addizzjonali.

Is-socjeta’ konvenuta, inoltre, tinsisti li m’hemmx relazzjoni guridika bejnha u s-socjetajiet terzi indikati mis-socjeta’ attrici fil-prospett taghha (dok.‘A1’ sa ‘A7’) peress jekk kien hemm kwalsijasi relazzjoni kummercjali mal-istess socjetajiet terzi din kienet biss mas-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta bl-ebda mod ma tidhol. Il-ftehim li hu l-mertu ta’ dawn il-proceduri sar esklusivament bejn il-partijiet f’din il-kawza. Skond is-socjeta’ konvenuta il-mod kif kellu jigi esegwit l-appalt kien esklusivament fid-diskrezzjoni tas-socjeta’ attrici.

Hu ovvju li bl-imsemmi prospett is-socjeta’ attrici mhux qed tippretendi li s-soċjetà konvenuta għandha xi relazzjoni kummerċjali mal-persuni indikati fl-istess prospoett. Hawn si tratta ta’ kuntratt ta’ appalt u jirreferi ghal dak li komunement hu maghruf bhala “turnkey” u ghalhekk mhux eskluz li l-appaltatur jghaddi xi xogholijiet konnessi mal-appalt lil terzi. Ghalhekk is-sub-appaltatur u l-appaltatur biss jidhlu f’relazzjoni kummercjali. Hu minnu li ma hemm ebda ebda linja diretta bejn is-sub-appaltatur u min ikun ta’ originarjament l-appalt. Ovvjament pero’ l-ispejjez relattati mas-sub-appalt ghandhom jigu inkluzi fil-kont finali tal-appalt li jipprepara l-appaltatur, f’dan il-kaz, is-socjeta’ attrici. Hu ovvju ukoll li min jkun ordna x-xogholijiet u cioe’ s-socjeta;’ konvenuta hi tenuta li thallas il-kont kollu inkluz dawk l-ispejjez konnessi mas-sub-appalti. L-imsemmi prospett jindika semplicement l-ammont li s-soċjetà attriċi tirretjeni li baqalha tieħu

minnghand is-soċjetà konvenuta u jinkludi ukoll l-isem ta' min wettaq il-varji xogholijiet.

Is-socjeta' konvenuta teccepixxi ukoll li t-talba tas-socjeta' attrici, kif kontenuta fic-citazzjoni hi preskritta. Fl-ewwel lok fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, s-socjeta konvenuta naqset li tindika l-artikolu tal-ligi li fuq hi bbazata din l-eccezzjoni. Is-socjeta konvenuta hi tenuta li tindika liema tul tal-preskrizzjoni qed tinvoka u dan ukoll sabiex il-kontro-parti tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. Hemm azzjonijiet li jaqaw wara ftit xhur, wara ftit snin jew wara hafna snin. Is-socjeta' konvenuta in sostenn ta' din l-eccezzjoni tissottometti li s-socjeta' attrici stess tammetti li l-ftehim in kwestjoni sar f'Ottubru 1995 u li l-allegata ittra ufficjali intbaghtet iktar minn sentejn wara u cioe' f'Novembru 1997.

Fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2010 fil-kawza fl-isamijiet "Andrea Grasso nomine vs David Desira et" gie ritenut li hu ormai assodat li meta f'kawża wieħed jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni flimkien mal-eċċezzjoni li l-ammont kif mitlub m'hux kollu dovut jew li huwa eżaġerat, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma joqogħdux flimkien u t-tieni twaqqa' l-ewwel waħda. L-istess Qorti tal-Appell zieded tghid fil-kawza fl-ismijiet "Aluminium Limited vs Earli Limited" li dan hu hekk peress li impliċitament it-tieni eċċezzjoni hija stqarrija tal-eżistenza tad-dejn u l-għarfien tad-dejn jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2133 tal-kodici Civili (Kap.16), irrispettivament li l-quantum dovut ikun qed jigi kontestat. In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenut jisthoqqilha li tigi michuda

**Konsiderazzjonijiet dwar it-talbiet attrici**

Wara li sar il-ftehim fis-sens li s-socjeta' konvenuta kellha thallas Lm80000 lis-socjeta' attrici in konnessjoni tal-appalt in kwestjoni, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kompliet taghmel ordnijiet godda u x-xoghol kollu li sar gie jiswa s-somma komplessiva ta' mija u erbat elef, sitt mija u hames liri maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm104,605.49), li jirrizulta li minnu s-socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u tnejn u hamsin lira maltin u erbtax-il centezmu (Lm74552.14). Is-soċjetà attrici tippretendi li baqalha bilanc x'tithallas li jammonta ghas-somma ta' tletin elf u tlieta u hamsin lira maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm30053.35).

Bħala prova ta' dan, is-soċjetà attriċi ppreżentat prospett dettaljat immarkat bhala Dokument "A1" sa "A7." Jirriżulta mill-provi li l-appalt in kwesjoni gie esegwit kollu, filwaqt illi l-ħlas ma sarx ghall-bilanc kollu dovut. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tippretendi li m'hemmx bilanc dovut stante li hallset l-ammont miftiehem u cioe' s-somma ta' tmenin elf lira maltin (Lm80,000). Kif intqal aktar il-fuq jirrizulta li l-appaltatur għandu dritt li jithallas tax-xoghol addizzjonali, cioe' ta xoghol li sar u li pero' ma kienx inkluz fil-ftehim originali. Kwindi s-socjeta' attrici ghandha d-dritt li tithallas tax-xoghol "extra" u skond l-imsemmi prospett.

Skond is-socjeta' konvenuta fil-1997 kienu nqalghu l-airconditioners li kienu twahhlu mis-socjeta' attrici fil-kors tal-appalt meritu ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta li l-prezz relattiv ghal dawn l-airconditioners hu Lm8598 u dan l-ammont hu inkluz fl-imsemmi blanc dovut ta' tletin elf u tlieta u ħamsin lira maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm30053.35). Peress li l-apparat in kwestjoni nqala s-socjeta' attrici m'ghandhiex tithallas tal-istess apparat.

F'dawn il-proceduri intervenit fil-kawza s-socjeta C Fino & Sons Limited. Skond il-ligi l-intervenut fil-kawza jista biss jippreżenta skritturi u jista jieħu parti attiva fid-diskussjoni jew trattazzjoni. L-intervenut mhux parti fil-kawza u kwindi ma jistax jiġi kkundannat jew jigi liberat. Dan il-principju gie reiterat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-

kawza fl-ismijiet “Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine” tal-1971.

In vista ta dak kolu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta ghandhom jigu michuda u konsegwentemet it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti pero’ limitatament ghas-somma ta’ wieħed u għoxrin elf erba’ mija u ħamsa u ħamsin lira maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm21 455.35) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin elf, disa’ mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€49990.97) bhala bilanc li ghadu dovut in konnessjoni tal-appalt imwettaq mis-soċjetà attriċi fuq l-inkarigu tas-soċjetá konvenuta u dana bl-imghaxijiet kollha legali mis-27 ta’ Novembru 1997.

**Kontro talba**

Is-scjeta’ konvenuta Joseph Bezzina & Company Limited ippresentat kontro-talba u cioe’ ghamlet kawza jew azzjoni għad-danni allegatament sofferti mis-socjeta’ konvenuta minhabba l-agir tas-socjeta’ attrici. F’dan ir-rigward is-socjeta’ konvenuta tallega li s-socjeta’ attrici naqset milli tesegwixxi x-xoghol kollu, u li x-xoghol in kwestjoni ma sarx skond l-arti u s-sengha. Inoltre s-soċjetà konvenuta ssostni li x-xoghol li ma sarx mis-socjeta’ attrici kellu jigi esegwit minn terzi a spejjez tas-s-socjeta’ konvenuta,

Is-socjeta’ attrici tichad l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li s-socjeta’ attrici ma esegwietx ix-xoghol kollu kif miftiehem u kif pattwit. Direttur tas-socjeta’ konvenuta allega li meta sar il-ftehim dwar l-appalt in kwestjoni, rappresentant tas-socjeta’ attrici, cioe’ Lino Vassallo, kien ipprometta li x-xogħol kollu kien ser ikun lest sal-1 ta’ April 1996. Skond is-socjeta’ konvenuta gara li x-xogħol ma kienx lest sal-imsemmija data. L-istess direttur tas-socjeta’ konvenuta kompla jixhed li peress li x-xoghol ma kienx tlesta u sabiex ix-showroom tkun tista tinfetah kien hemm spiza ta’ Lm967.42, li thallset mis-socjeta’ konvenuta. Dawn l-ahhar xogholijiet saru minn terzi u, skond is-socjeta’ konvenuta kienu jikkonsistu f’xogħol ta’ aluminium, ta’ żebgħa, ta’ tikħil, tapit għas-showroom, arrediment ta’ uffiċini, u tindif tal-post. Inoiltre s-socjeta’

konvenuta qiegħda titlob ir-rimbors ta' ħlasijiet li hi ghamlet lis-socjeta' attrici rigwardanti x-xoghol li allegatament ma sarx mis-socjeta' attrici. Dwar dan is-socjeta' attrici tissottometti li ma kien hemm ebda lok li jitqabbdu terzi persuni sabiex ilestu xoghol kuntrattat maghha.

F'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi ssostni li ma kienx hemm ftehim fuq iż-żmien li fih kellu jitlesta x-xogħol, u inoltre li x-xogħol ħa ż-żmien biex jitlesta peesss li kien hemm tibdiliet fit-tip u l-kwalità ta' xogħol. L-imsemmi direttur tas-socjeta' konvenuta xehed illi l-ftehim illi x-xogħol kellu jitlesta sal-imsemmija data tal-1 ta' April 1996 kien biss ftehim verbali u dan sar mal-imsemmi Lino Vassallo. L-istess direttur tas-socjeta' konvenuta kkalkola li, f'dan ir-rigward, id-danni li soffriet is-soċjetà tieghu kienu jammontw għal ċirca Lm50000. Is-socjeta' konvenuta ppresentat prospett (fol.171) fejn elenkat id-danni sofferti minnha in vista tal-fatt li ix-showroom infethet tard u peress li s-socjeta' attrici ottjenit il-hrug ta' mandat ta' Sekwestru fis-somma ta' Lm91826.

**Konsiderazzjonijeit Legali dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta**.

L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull individwu ghandu jwiegeb ghall-hsara li tkun grat bi htija tieghu. Is-subinciz (1) tas-segwenti artikolu 1032 jipprovdi li jitqies bhala htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Hemm nuqqas tad-diligenza meta, skond l-artikolu 1033, xi hadd jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi u cioe' jrid jirrizulta ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-ligi.

Ghar-rigward tal-piz tal-prova l-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Farrugia vs Antoine Grima" iddeskriviet il-kolpa ghall-finijiet tal-artikolu 1031 bħala dak l-agir mhux konformi ma dawn il-kanoni objettivi tad-diligenza, prudenza u tal-hsieb uti bonus

paterfamilias. F'dak il-każ li jkun hemm il-kolpa, id-danneġġjant jkollu jwiegeb ghad-danni li jissucciedu.

Kwindi jekk jiġi ppruvat illi s-soċjetà attriċi hija ħatja ta' ħsara lis-soċjetà konvenuta, l-istess socjeta' attrici ikollha twieġeb għall-egħmil tagħha. Minn analiżi tal-provi jirrizulta li s-soċjetà konvenuta ma rnexxielhiex tipprova sufficjentement li s-soċjetà attriċi impenjat ruħha illi twettaq ix-xogħol entro żmien fiss. Ġaladarba illi ma jirriżultax ippruvat żmien li fih ried jitlesta x-xogħol, lanqas ma tirriżulta l-kolpa li tagħti d-dritt lis-soċjetà konvenuta tfittex għad-danni għaliex biex din il-kawża ta' danni tirnexxi s-soċjetà konvenuta jeħtieġilha tipprova l-kolpa u cioe' dak in-ness kawzali bejn l-event dannuz u l-kondotta tas-socjeta' attrici u tinotre trid tipprova ukoll l-ezistenza tad-dannu.

Il-Qorti Civili, Prim' Awla, fit-25 ta' Gunju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor Austin Sammut nomine vs NC- Metric Sicav plc" irriteniet li "f'dan il-kuntest jinghad li huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi f'kawza ghal danni … ghandu jigi provat in-ness ta' kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta' min ikun allegatament ikkaguna d-danni" (ara ukoll "Josef Galea vs Combinati Transport Services Limited pro et nomine" - Qorti tal-Appell - 30 ta' Marzu 2001). Fil-kaz in esami ma ngabitx prova suffiċjenti li kien hemm xi żmien pattwit li fih ix-xogħol kellu jitlesta mis-soċjetà attriċi. Ġaladarba ma kienx hemm dan it-tip ta' ftehim ma is-socjeta' attrici ma tistax tinżamm responsabbli li kisret xi ftehim. Kwindi is-soċjetà konvenuta naqqset milli tipprova li s-soċjetà attriċi kienet il-kawża tad-dannu. Lanqas ma ġie ppruvat illi s-soċjetà attriċi ħadet xi żmien mhux raġonevoli biex twettaq l-appalt. Inoltre kif gia gie enfasizzat jekk kien hemm xi dewmien dan sata kien dovut ghax-xogholijiet addizzjonali li s-socjeta' konvenuta

ordnat. Konsegwentament ma tistax tinstab responsabilita’ tas-socjeta’ attrici għall-ħlas li s-soċjetà konvenuta tallega li ghamlet lil terzi biex ix-xogħolijiet fix-showroom jitkomplew u jittlestu.

Inoltre Is-soċjetà konvenuta tallega illi x-xoghol li kien lahaq tlesta mis-socjeta’ attrici ma sarx skond l-arti u s-sengha u dan minhabba traskuragni, nuqqas ta’ pjannar tajjeb, negligenza u innosservanza tar-regolamenti. Dan hu michud mis-socjeta’ attrici. F’dan ir-rigward l-imsemmi direttur tas-socjeta’ konvenuta (fol.135) ikkonferma li hu, fil-fatt, kellu xi ilmenti x’jaghmel dwar il-kwalità tax-xogħol li ġie pprovdut mis-soċjetà attriċi pero huwa kompla jghid li f’dan l-istadju ma kienx qed insostni dawn l-ilmenti. In effett jirrizulta li l-istess direttur tas-socjeta’ konvenuta qatt ma lmenta mas-socjeta’ attrici li x-xogħol kien b’xi mod difettuz. Inoltre magiet prodotta ebda prova mis-socjeta’ konvenuta li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Bl-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova, l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li x-xogol sar hazin ma gietx ippruvata u ghalhekk ma tirrizultax.

Is-soċjetà konvenuta taghmel referenza ghall-mandat kawtelatorju, gia imsemmi, li gie ottjenut kontra taghha mis-socjeta’ attrici. Skond is-socjeta’ konvenuta dan l-att kawtelatorju gie ottjenut abbuzivament. F’dan ir-rigward ghandu jigi osservat li f’dan il-kaz is-socjeta konvenuta ma ipprovatx li hi sofriet xi danni bhala konsegwenza tal-hrug tal-imsemmi mandat u tat-tul kemm dam fis-sehh l-istess mandat

In vista ta’ dak kollu li gie premess il-kontro-talbiet kollha tas-socjeta’ konvenuta jimmeritaw li jigu michuda stante li l-istess socjeta’ konvenuta naqset li tipprova li s-soċjetà attriċi ma esegwietx ix-xogħol kollu u li x-xogħolijiet ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti u ukoll li l-imsemmi mandat ta’ sekwestru ġie ottenut abbużivament.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tichad il-kontro-talbiet kollha tas-socjeta’ konvenuta u billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tilqa t-talbiet attrici limitatament pero’ ghas-somma ta’ wieħed u għoxrin elf erba’ mija u ħamsa u ħamsin lira maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm21 455.35) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin elf, disa’ mija u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€49990.97) bhala bilanc li ghadu dovut in konnessjoni mal-appalt in kwestjoni imwettaq mis-soċjetà attriċi fuq l-inkarigu tas-soċjetá konvenuta u dana bl-imghaxijiet kollha legali mis-27 ta’ Novembru 1997.

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal parti wahda minn hamsa (1/5) mis-socjeta’ attrici u kwantu ghar-rimanenti erba partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------